O TEMPORA! O MORES!

T'a' WALLACE GULIA

Rajtkom ferħana, lewn in-nar ħaddejkom,
Id f'id għaddejja;
Kien wara nżul ix-xemx, u jien sthajjiltkom
Ġarrabtu l-għeja

T'a' ramliet imbiegħda, ta' blat u bajja,
U xofftejkom rajt
Qegħdin iduqu l-qroll li tagħti l-ħajja:
Wegħditkom smajt!

U għirt għas-saħħa ta' mħabbitkom shiħa
Bla ħjiel ta' frugħa;
U għirt ġo qalbi għat-tamiet sabiħa
Ta' qlub żagħżugħa!

Għaddejtu l-ħum quddiem xulxin bla sliem,
Bla ferħ, bla ħeġġa:
Haristu 'l hinn, f'fommkom mitbuq il-kliem,
U l-qlub imweġġgħa...